

Brussell, 20 ta' Settembru 2023
(OR. en)

13215/23
ADD 2

ECOFIN 902
FIN 937
UEM 250

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 545 final ANNEX 1 – Part 2/2
Suġġett:	ANNESS tar- RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il quddiem

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 545 final ANNEX 1 – Part 2/2.

Mehmuż: COM(2023) 545 final ANNEX 1 – Part 2/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2023
COM(2023) 545 final

ANNEX 1 – PART 2/2

ANNESS

tar-

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: It-triq 'il quddiem

Il-Litwanja

Il-Litwanja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fl-14 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-2 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 2,2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal-Litwanja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 2,1 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Litwanja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fit-30 ta' Ġunju 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-espansjoni tal-produzzjoni tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli u l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-binjiet b'abitazzjonijiet multipli, u l-espansjoni tat-trasport ta' merkanzija tqila fuq passaġġi tal-ilma interni. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Litwanja għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Litwanja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, l-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali, l-innovazzjoni u x-xjenza, is-servizzi tal-kura tas-saħħa, il-konformità mar-regoli tat-taxxa, il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi. Dan jikkonsisti f'27 riforma u tliet investment li huma appoġġati b'EUR 2,2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 4 % tal-PDG tal-Litwanja fl-2021. Il-Kummissjoni żborżat EUR 289 miljun lil-Litwanja f'Awwissu 2021 bħala prefinanzjament mill-RRF.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Litwanja tinsab fi stadju avanzat. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Litwanja ppreżentat talba għall-iżborż ta' EUR 649,5 miljun, dwar l-ewwel pagament parzjali ta' appoġġ mhux ripagabbli. Il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari pożittiva fit-28 ta' Frar 2023 għal 31 minn 33 stadju importanti li jkopru sitta mis-seba' komponenti tal-pjan, filwaqt li żewġ stadji importanti relatati mar-riformi tat-taxxa ġew ivvalutati li mhumiex issodisfati b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ewwel passi li diġà ttieħdu mil-Litwanja biex tissodisfa dawn l-istadji importanti pendenti, għalkemm għad irid isir xogħol sinifikanti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni attivat il-proċedura ta' "sospensjoni tal-pagamenti" li tagħti lil-Litwanja żmien addizzjonali biex twettaq dawn l-istadji importanti, filwaqt li rċeviet pagament parzjali ta' EUR 542.3 miljun (nett mill-prefinanzjament) marbut mal-istadji importanti li twettqu b'mod sodisfaċenti.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mil-Litwanja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal-Litwanja

➤ *Riforma*

Il-Litwanja nediet riforma, li għandha l-għan li tiddefinixxi r-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika u tal-protezzjoni ta' tipi differenti ta' vetturi nodfa. Permezz tad-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi rilevanti, il-Litwanja introduċiet żieda gradwali sa tmiem l-2025, u tmiem l-2030, fl-għadd ta' vetturi nodfa akkwistati fil-Litwanja. Dan huwa pass importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mis-settur tat-trasport.


➤ *Investiment*

Il-Litwanja nediet sistema tal-IT li tagħmel monitoraġġ tas-sehem tal-fjuwils rinnovabbli furnuti fis-settur tat-trasport. Dan l-istrument jattribwixxi kwoti għall-provvista ta' fjuwils (rinnovabbli) fil-Litwanja, bl-għan li jiġu ssodisfati l-obbligi tal-fjuwil. B'sistema bħal din, l-objettiv huwa li maż-żmien tiżdied il-provvista ta' fjuwils rinnovabbli u jinkiseb livell oġhla ta' sostenibbiltà fis-settur tat-trasport.

Il-Litwanja se tappoġġa l-fjuwils rinnovabbli bis-saħħa tal-RRF




Illustrazzjoni41: Żborż għal kull pilastru — il-Litwanja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni42: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Litwanja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni43: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri – il-Litwanja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Lussemburgu

Il-Lussemburgu ppreżenta l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tiegħu fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-18 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 93,4 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal-Lussemburgu ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 82,7 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Lussemburgu ppreżenta RRP emendat lill-Kummissjoni fil-11 ta' Novembru 2022 biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF. Minħabba l-kontribuzzjoni finanzjarja mnaqqa ta' għal, il-Lussemburgu ppropona li jneħħi mill-pjan il-programm ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali mmirat lejn il-ħaddiema fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, filwaqt li spjega li ma laħaqx l-aspettattivi inizjali f'termini ta' domanda. Dan huwa prinċipalment spjegat minn irkupru aktar b'saħħtu milli mistenni tal-ekonomija tal-Lussemburgu fir-rebbiegħa tal-2021, b'għadd kbir ta' benefiċjarji jirritornaw għal kuntratti full-time aktar kmieni milli mistenni. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2022 u mill-Kunsill fis-17 ta' Jannar 2023. Ma ġie ppreżentat l-ebda Kapitolu REPowerEU fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP attwali tal-Lussemburgu għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mal-ħiliet, il-klima, id-diġitalizzazzjoni, is-saħħa u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Dan jikkonsisti f'10 riformi u 11-il investiment li huma appoġġati bi EUR 83 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,11 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 12,1 miljun fi prefinanzjament fit-3 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Lussemburgu tinsab għaddejja. Il-Lussemburgu ppreżenta l-ewwel talba għall-pagament tiegħu fit-28 ta' Diċembru 2022, li tikkorrispondi għal 26 stadju importanti u miri u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 25 miljun fis-16 ta' Ġunju 2023. L-istadji importanti u l-miri vvalutati b'mod pożittiv juru passi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-pjan tal-Lussemburgu. Dan jinkludi d-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-“Patt ta' Akkomodazzjoni 2.0”, bil-għan li tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli offruta mill-muniċipalitajiet, investimenti għad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku u għall-iżvilupp ta' komunikazzjoni ultrasigura, it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol bit-tnejjija tal-programm “FutureSkills”, kif ukoll riforma għall-akkwist ta' vetturi nodfa.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Lussemburgu u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal-Lussemburgu


➤ Riforma

Liġi li tistabbilixxi n-“Naturpakt” (parks naturali) daħlet fis-seħħ fil-Lussemburgu. Il-muniċipalitajiet jistgħu jiffirmaw kuntratt mal-Istat, fejn jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw azzjonijiet għall-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, magħżula minn sett definit minn qabel ta' azzjonijiet possibbli, għall-perjodu sal-2030, u jirċievu appoġġ finanzjarju u tekniku mill-gvern. Din ir-riforma ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ekosistemi u l-progress lejn l-oġġettivi ambjentali.

➤ Investiment


Il-Lussemburgu implimenta verżjoni għall-mobiles tas-sit web “MyGuichet.lu”: pjattaforma għall-interazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u n-negozji mal-amministrazzjoni pubblika. L-app tippermetti li l-proċeduri amministrattivi jitlestew bil-mobile. “MyGuichet” huwa kontribut importanti għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

L-app MyGuichet għal proċeduri amministrattivi, appoġġata mill-RRF



Drittijiet tal-awtur: ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu


Illustrazzjoni44: Żborż għal kull pilastru — il-Lussemburgu



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni45: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — Il-Lussemburgu



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koefiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koefiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni46: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — il-Lussemburgu



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF

https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

L-Ungerija

L-Ungerija ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-12 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2022 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2022 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 5,811 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. F'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Istati Membri kollha ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022. Minħabba li l-Kunsill approva l-RRP tal-Ungerija wara dan l-aġġornament, l-ammont aġġornat ta' EUR 5,811 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli ġie inkorporat fl-RRP.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Ungerija ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2023 biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali u fuq skala akbar relatati mal-espansjoni tal-kapaċità tal-ħżin tal-enerġija, biex tingħata spinta lill-kapaċità tas-sistema tal-enerġija tal-pajjiż li tintegra s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tan-network tal-elettriku, u biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi, tal-kumpaniji, u tas-settur pubbliku. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Ungerija għadha għaddeja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP Ungeriż jinkludi programm ta' monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani



Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Ungeriż


L-RRP Ungeriż huwa sinifikanti. Approvat f'Diċembru 2022, b'total ta' EUR 5,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, dan jirrappreżenta madwar 3,8 % tal-PDG tal-Ungerija fl-2021. Il-pjan jinkludi miżuri sinifikanti biex titħaffef it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, kif ukoll biex tingħata spinta lir-reżiljenza ekonomika, istituzzjonali u soċjali, inkluż it-tiżni tal-istat tad-dritt. B'dan il-mod, jindirizza subsetti sinifikanti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi

għall-pajjiż indirizzati lill-Ungerija fil-passat. Il-pjan ġie approvat bil-kundizzjoni li jiġu implimentati b'mod sħiħ u effettiv il-miżuri ta' rimedju li ħadet l-Ungerija fil-proċedura skont ir-Regolament (KE, Euratom) 2020/2092 u l-istadji importanti biex tiġi żgurata għestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Flimkien ma' riformi oħra tal-istat tad-dritt relatati mal-indipendenza ġudizzjarja, dawn il-miżuri ġew tradotti f'²⁷ "stadju importanti ħafna".

Minħabba l-adozzjoni tardiva tiegħu f'Diċembru 2022, l-implimentazzjoni tal-RRP tal-Ungerija ddewmet b'mod sinifikanti. Sa issa ma ġie żborżat l-ebda fond lill-Ungerija mill-RRF billi għad trid tippreżenta l-ewwel talba għall-pagament tagħha. Implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan tkun teħtieġ it-twettiq ta' 27 stadju importanti relatati mat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja u s-salvagwardja tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-ebda pagament skont il-pjan ma huwa possibbli sakemm dawn l-istadji importanti jiġu implimentati bis-sħiħ u b'mod korrett.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Ungeriż.

Illustrazzjoni47: Sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika — l-Ungerija



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokkazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRP. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Malta

Malta ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fit-13 ta' Lulju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 316-il miljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal Malta ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 258 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, Malta ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut inkluda wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2023.

L-RRP attwali ta' Malta għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mal-klima u l-enerġija, it-tranżizzjoni diġitali, is-saħħa, l-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet, il-politiki soċjali, il-ġustizzja, it-tassazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-RRP jikkonsisti f'31 riforma u 16-il investiment li huma appoġġati bi EUR 328,2 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 2,2 % tal-PDG ta' Malta fl-2021. Il-Kummissjoni żborżat EUR 41,1 miljun lil Malta fi prefinanzjament fis-17 ta' Diċembru 2021, ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP ta' Malta tinsab fi stadju avanzat. Malta ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 19-il stadju importanti u miri fil-pjan u li rriżultat fi żborż ġenerali ta' EUR 52,3 miljun (f'appoġġ mhux ripagabbli) fit-8 ta' Marzu 2023. Id-19-il stadju importanti u miri jkopru miżuri importanti bħall-adozzjoni ta' strateġija biex jitnaqqas l-iskart permezz tar-riċiklaġġ fis-settur tal-kostruzzjoni, l-istabbiliment ta' faċilitajiet tal-uffiċċju li jippermettu li l-impjegati taċ-ċivil jaħdmu mill-bogħod fil-pajjiż kollu, riformi biex tingħata spinta lir-riċerka u l-investimenti industrijali, strateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni u riformi għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja. Kważi l-istadji importanti u l-miri kollha marbuta mal-ewwel talba għall-pagament ta' Malta huma kkomplementati minn impenji futuri fl-RRP. Dawn se jiġu vvalutati skont talbiet għall-pagament sussegwenti.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu minn Malta u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għal Malta

➤ **Riforma**

Malta adottat riforma ewlenija bl-għan li tiżviluppa forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati fl-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni u ttejjeb ir-regolamentazzjoni tas-settur. Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni stabbilixxa Regolatur għall-Bini: dan se jkun responsabbli għall-ħruġ u l-infurzar, il-politiki, u l-provvediment ta' uffiċċju ċentralizzat għall-wasla u l-ipproċessar tal-ilmenti. Se jagħmel monitoraġġ ukoll tal-prestazzjoni, is-sikurezza u l-kwalità tal-bini u tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, ir-riforma żżid id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat billi testendi l-miżuri ta' taħriġ f'ħiliet u ta' titjib tal-ħiliet u tintroduċi karta tal-ħiliet għal kategoriji professjonali ġodda meħtieġa għall-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini.

➤ **Investiment**


Malta lestiet awditi tar-rendiment tal-enerġija ta' żewġ binjiet ta' skejjel pubbliċi (l-Iskola Primarja ta' Ħal Għaxaq, il-Kulleġġ San Benedittu f'Malta u l-Iskola Primarja tan-Nadur, il-Kulleġġ ta' Għawdex) biex tistabbilixxi l-klassi tar-rendiment tal-enerġija tagħhom u tidentifika l-miżuri applikabbli tal-effiċjenza enerġetika. Ir-rinnovazzjonijiet għadhom għaddejjin u se jitlestew sa nofs l-2024. Minbarra l-immodernizzar tal-faċilitajiet, ladarba jiġu implimentati l-miżuri kollha għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, l-iskejjel se jużaw 60 % inqas enerġija u jarmu 60 % inqas diossidu tal-karbonju minn qabel.

Skola primarja fin-Nadur (Għawdex) li għaddejjja minn rinnovazzjoni għall-effiċjenza enerġetika bl-RRF



Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Malti


Illustrazzjoni48: Żborż għal kull pilastru — Malta



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-ittikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni49: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-R



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni50: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri – Malta



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

In-Netherlands

In-Netherlands ippreżentaw il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħhom fit-8 ta' Lulju 2022. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-8 ta' Settembru 2022 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fl-4 ta' Ottubru 2022 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 4,7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. F'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji massimi għall-Istati Membri kollha ġew aġġornati fit-30 ta' Ġunju 2022. Minħabba li n-Netherlands ippreżentaw l-RRP tagħhom wara din ir-reviżjoni, l-awtoritajiet kienu diġà qiesu l-ammont aġġornat ta' EUR 4,7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, in-Netherlands ippreżentaw RRP emendat lill-Kummissjoni fis-6 ta' Lulju 2023 biex jindirizzaw ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riforma addizzjonali u investiment fuq skala akbar relatat mal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tan-Netherlands għadha għaddejjja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tan-Netherlands għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-suq tal-akkomodazzjoni, is-suq tal-impjiegi tax-xogħol, il-pensjonijiet, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Dan jikkonsisti f'21 riforma u 28 investiment li huma appoġġati b'EUR 4,7 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,58 % tal-PDG.

L-RRP Netherlandiż għandu l-għan li jiftaħ proġetti ta' kostruzzjoni ġodda




Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Netherlandiż

Filwaqt li l-RRP tan-Netherlands ġie adottat biss fl-2022, l-implimentazzjoni tiegħu issa tinsab għaddejja. Għadu ma sar l-ebda żborż lin-Netherlands. Minħabba l-preżentazzjoni tardiva tal-RRP, in-Netherlands ma kinux eliġibbli għal prefinanzjament. L-iżborż tal-allokkazzjoni għan-Netherlands se jiddependi fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan. Il-proċediment rapidu bin-negozjar tal-arranġamenti operazzjonali se jgħin fl-implimentazzjoni tal-pjan u huwa meħtieġ għall-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament li hija mistennija sa tmiem l-2023 u li tkopri 33 stadju importanti u miri li jsegwu l-progress fil-komponenti kollha tal-RRP, li potenzjalment iwasslu għal żborż ta' massimu ta' EUR 1,4 biljun. L-implimentazzjoni għadha għaddejja, u f'dan l-istadju, ir-riskji ta' nuqqas ta' assorbiment jidhru limitati minħabba l-allokkazzjoni finanzjarja relattivament żgħira.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika fl-RRP tan-Netherlands.

Illustrazzjoni 51: Sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika — in-Netherlands



Nota: *Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRF. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.*

Sors: *Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html*

L-Awstrija

L-Awstrija ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 3,46 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul l-2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Awstrija ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 3,75 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Awstrija ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2023 biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jitwettqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi addizzjonali relatati mat-tħaffif tal-permessi tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, strateġija nazzjonali mmirata lejn iż-żieda fil-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, u l-investiment f'installazzjonijiet fotovoltajċi u l-mobbiltà sostenibbli. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Awstrija għadha għaddejjja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Awstrija għandu l-għan li: (i) jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; u (ii) isaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali. Jinkludi riformi u investimenti f'oqsma kruċjali bħall-edukazzjoni, il-ħiliet, il-kura tas-saħħa, l-ambjent tan-negozju, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Jikkonsisti f'27 riforma u 32 investiment li huma appoġġati bi EUR 3,751 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,93 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 450 miljun lill-Awstrija fi prefinanzjament fit-28 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja inizjali.

Uffiċjali Awstrijaċi u tal-Kummissjoni jżuru sit ta' kostruzzjoni li jgħaqqad il-Linja Ferrovarja ta' Koralm iffinanzjata mill-RRF. Din il-linja ferrovarja b'żewġ binarji, elettrifikata u ta' veloċità għolja se tgħaqqad il-bliet ta' Graz u Klagenfurt



Drittijiet tal-awtur: ir-Rappreżentanza permanenti tal-Kummissjoni Ewropea fl-Awstrija/APA-Fotoservice/Ferlin-Fiedler

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Awstrija tinsab fi stadju avvanzat. L-ewwel talba għall-pagament tal-Awstrija ġiet iwwalutata b'mod pożittiv mill-Kummissjoni, li wasslet għall-iżborż ta' EUR 700 miljun f'appoġġ finanzjarju (nett mill-prefinanzjament) fl-20 ta' April 2023. L-44 stadju importanti jkopru riformi fil-mobbiltà sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni, il-konnettività, il-ħiliet, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, is-suq tax-xogħol, it-tassazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Awstrija u li sussegwentement jiġu vwalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Awstrija

➤ ***Riforma***


F'Ottubru 2021 l-Awstrija introduċiet il-“KlimaTicket”, biljett staġunali b'rata fissa għat-trasport pubbliku kollu fil-pajjiż. L-utenti jistgħu jagħżlu bejn biljett validu madwar l-Awstrija, f'żewġ reġjuni jew f'reġjun wieħed. Sal-aħħar ta' Jannar 2023, inbiegħu aktar minn 200 000 biljett klimatiku nazzjonali. Kollox ma' kollox, aktar minn 13 % tan-nies kollha li jgħixu fl-Awstrija issa għandhom biljetti annwali tat-trasport pubbliku.

➤ ***Investiment***

Permezz tal-programm “Raus aus Öl und Gas” (“Daqshekk żejt u gass”), l-unitajiet domestiċi jirċievu appoġġ finanzjarju biex jissostitwixxu s-sistemi tat-tisħin li jaħdmu bil-fjuwils fossili b'teknoloġija tat-tisħin rinnovabbli bħal pompi tas-sħana, ħiters

ibbażati fuq il-bijomassa jew konnessjonijiet mat-tiżhin distrettwali. Permezz tal-ewwel pagament ġew appoġġati aktar minn 6 000 proġett bħal dan. Il-mira finali tal-RRP hija li jiġu appoġġati aktar minn 30 000 sistema tat-tiżhin ġdida. Dan il-programm ta' investiment jipprovdi kontribut importanti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja.

Illustrazzjoni52: Żborż għal kull pilastru — l-Awstrija




Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-ittekkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni53: Total tal-appoġġ mhux

Illustrazzjoni54: Status tat-twettiq tal-istadji


ripagabbli żborżat mill-RRF — l-Awstrija



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

importanti u l-miri – l-Awstrija



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF
https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Polonja

Il-Polonja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-3 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2022 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2022 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 23,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 11,5 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2022-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Polonja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 22,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Polonja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex titlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'investimenti addizzjonali u fuq skala akbar relatati mal-appoġġ għan-networks tat-trażmissjoni tal-elettriku, is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, il-karozzi tal-linja b'emissjonijiet baxxi u b'emissjonijiet żero, u l-parks eoliċi lil hinn mill-kosta; l-appoġġ għall-istituzzjonijiet li jimplementaw il-miżuri tar-REPowerEU; l-iżvilupp ta' networks ta' distribuzzjoni tal-elettriku fiż-żoni rurali; l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-gass li tippermetti d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi; kif ukoll riformi tal-komunitajiet tal-enerġija, aspetti regolatorji marbuta man-network tad-distribuzzjoni u miżuri li jiffaċilitaw l-użu ta' teknoloġiji għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Polonja għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Polonja, approvat f'Ġunju 2022, jindirizza ħafna mill-isfidi ewlenin li l-pajjiż qed jiffaċċja. L-RRP fih miżuri strutturati madwar sitt oqsma ta' politika ewlenin: it-tranżizzjoni ekoloġika; id-diġitalizzazzjoni; is-saħħa; il-kompetittività u l-innovazzjoni; it-trasport sostenibbli; u l-kwalità tal-istituzzjonijiet. Huwa stmat li l-impatt ekonomiku tal-fond NextGenerationEU fil-Polonja jista' jwassal għal żieda fil-PDG ta' bejn 1,1 % u 1,8 % sal-2026 u jissarraf f'105 000 impjieg addizzjonali.


Permezz tal-RRF, il-Polonja appoġġat is-sostituzzjoni tal-arbli tal-pjantaġġuni għall-ħops li kienu jużaw preservattivi dannużi (il-krijożot).



Minħabba l-adozzjoni tardiva tiegħu f'Ġunju 2022, l-implimentazzjoni tal-RRP tal-Polonja ddewmet b'mod sinifikanti. Għadu ma sar l-ebda żborż lill-Polonja. Minħabba l-preżentazzjoni tardiva tal-RRP, il-Polonja ma kinitx eliġibbli għal prefinanzjament. L-iżborż tal-allokkazzjoni għall-Polonja se jiddependi fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan. It-tishiġ tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u r-rimedju tas-sitwazzjoni tal-imħallfin milquta mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema f'każijiet dixxiplinari u ta' immunità ġudizzjarja huma prekondizzjoni biex il-Kummissjoni tħallas kwalunkwe pagament lill-pajjiż u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u b'hekk tippermetti implimentazzjoni rapida u kostanti tal-pjan. Il-Polonja bdiet timplimenta miżuri ewlenin fl-RRP, fosthom riformi fl-oqasma tal-qafas fiskali, il-kura tas-saħħa, it-tranżizzjoni diġitali, l-effiċjenza enerġetika u s-suq tax-xogħol.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Pollakk.

Illustrazzjoni 55: Sehem tal-fondi tal-RRF allokati għal kull pilastru tal-politika — il-Polonja



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokkazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRF. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Il-Portugall

Il-Portugall ippreżenta l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tiegħu fit-22 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 13,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli (u EUR 2,7 biljun f'self) mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Portugall ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 15,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Portugall ippreżenta RRP emendat lill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2023 biex iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex jindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF, u biex jitlob għal self addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-ħiliet ekoloġiċi, l-effiċjenza enerġetika fil-bini, l-enerġija rinnovabbli u l-gassijiet rinnovabbli, it-trasport sostenibbli, il-grilja elettrika u l-industrija ekoloġika. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Portugall għadha għaddejja fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali tal-Portugall (u li għadu attwali) għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mas-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa, il-finanzjament tan-negozji, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet, is-sostenibbiltà fiskali u t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Jikkonsisti fi 32 riforma u 83 investiment li huma appoġġati bi EUR 13,9 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 2,7 f'self, li jirrappreżentaw 7,9 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 2,1 biljun lill-Portugall fi prefinanzjament fit-3 ta' Awwissu 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokkazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Portugall tinsab għaddejja, iżda b'riskju ta' xi dewmien. Il-Portugall ippreżenta żewġ talbiet għall-pagament, li jikkorrispondu għal 58 stadju importanti u miri fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 2,98 biljun. L-RRP Portugiż huwa ambizzjuż u kumpless fin-natura tiegħu. Governanza b'saħħitha u monitoraġġ kontinwu tal-pjan huma essenzjali biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' dewmien. L-istadji importanti u l-miri relatati ma' investimenti kbar inkluż fis-saħħa, fl-akkomodazzjoni soċjali u fil-mobbiltà sostenibbli, se jiġu vvalutati fit-talbiet għall-pagament li jmiss. Il-miżuri adottati minn Diċembru 2021, li kienu jiffurmaw parti mit-tieni talba għall-pagament, jinkludu riformi fl-oqsma tal-ġestjoni tal-isptarijiet pubbliċi u t-tranżizzjoni diġitali fis-setturi privati u pubbliċi.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mill-Portugall u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għall-Portugall

➤ *Riforma*

Il-Portugall qed jimplimenta sett ta' miżuri biex iwieġeb aħjar għall-kwistjonijiet li jiffaċċjaw il-gruppi l-aktar vulnerabbli. Adotta żewġ strateġiji nazzjonali kemm għall-ġlieda kontra l-faqar kif ukoll biex jaċċellera l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà. Biex tiżdied l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà, se jiġu implimentati diversi miżuri, inkluża l-integrazzjoni tal-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fid-deċiżjonijiet u l-proġetti u l-estensjoni tal-Mudell ta' Appoġġ għall-Għajxien Indipendenti, li jipprovdi assistenza personali u appoġġ għall-impjeg ta' persuni b'diżabbiltà.


Il-Portugall se jappoġġa l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà bis-saħħa tar-riformi tal-RRF



➤ *Investiment*

Il-Portugall qed jimplimenta diversi miżuri biex ineħħi l-ostakli għall-aċċess għal internet ta' kwalità fl-ambjent tal-iskola u l-limitazzjonijiet għall-użu ta' tagħmir teknoloġiku u diġitali. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw in-nuqqas ta' tagħmir speċjalizzat biex jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali u l-użu insuffiċjenti tar-riżorsi edukattivi diġitali fil-proċess tal-apprendiment u fil-proċess ta' valutazzjoni. Il-Portugall iffirma b'mod partikolari kuntratti biex jakkwista 600 000 laptop biex jitqassmu lill-istudenti u l-ġhalliema tal-primarja u tas-sekondarja fin-network tal-iskejjel pubbliċi Portugiżi.


Illustrazzjoni56: Żborż għal kull pilastru — il-Portugall



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni57: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Portugall



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-għotjiet żborżati sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. **Nota:** Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' għotjiet mogħtija lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv. L-ammont totali tal-appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru huwa determinat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni58: Self totali żborżat mill-RRF – il-Portugall



Nota: Din il-graff turi l-ammont ta' self żborżat sa issa mill-RRF. Is-self huwa kontribuzzjoni finanzjarja ripagabbli. L-ammont totali ta' self mogħti lil kull Stat Membru huwa ddeterminat mill-valutazzjoni tat-talba għas-self tiegħu u ma jistax jaqbeż is-6,8 % tal-ING tal-2019 tiegħu.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni59: Status tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri – il-Portugall



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun iwwalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Ir-Rumanija

Ir-Rumanija ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fil-31 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-3 ta' Novembru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 14,2 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 14,9 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għar-Rumanija ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 12,1 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli. Għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda reviżjoni tal-pjan fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tar-Rumanija għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u r-reżiljenza ekonomika u soċjali. Dan jikkonsisti f'64 riforma u 107 investimenti li huma appoġġati b'EUR 14,24 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 14,94 biljun f'self, li jirrappreżentaw 12,15 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat total ta' EUR 3,79 biljun lir-Rumanija fi prefinanzjament fit-2 ta' Diċembru 2021 (għall-appoġġ mhux ripagabbli) u fit-13 ta' Jannar 2022 (għas-self), li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tar-Rumanija tinsab għaddeja, iżda b'riskju ta' dewmien li qed jiżdied. Ir-Rumanija ppreżentat żewġ talbiet għall-pagament, li jikkorrispondu għal 72 stadju importanti u miri fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ta' EUR 2,6 biljun (nett mill-prefinanzjament) fis-27 ta' Ottubru 2022 għall-ewwel talba għall-pagament. Fis-27 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari pożittiva għal 49 minn 51 stadju importanti u miri koperti fit-tieni talba għall-pagament, filwaqt li żewġ stadji importanti relatati mal-investimenti fl-enerġija ġew ivvalutati li mhumiex issodisfati b'mod sodisfaċenti. Il-valutazzjoni finali kienet għadha ma ġietx adottata fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mir-Rumanija u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għar-Rumanija

➤ Riforma

Ir-Rumanija adottat u bdiet timplimenta l-Programm Nazzjonali biex tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, li jinkludi Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni (MATE) għall-iskejjel kollha li huma parti mill-programm. Il-programm għandu l-għan li jnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, jikseb rati ogħla ta' parteċipazzjoni fl-eżamijiet nazzjonali u persentaġġ ogħla ta' studenti li jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja. L-għodda tal-IT (teknoloġija tal-informatika) tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni (MATE) tippermetti li jiġu identifikati l-istudenti f'riskju ta' tluq bikri mill-iskola u tappoġġa lill-

iskejjel fil-ġbir tad-data, il-pjanijiet ta' ħidma individwalizzati u t-taħriġ.


Il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija fl-Edukazzjoni li huwa ffinanzjat mill-RRF għandu l-għan li jtejjeb l-eżiti tal-ewweli tal-ħidma



➤ ***Investiment***

Ir-Rumanija bdiet l-implimentazzjoni ta' investiment għat-titjib tal-proċessi tat-taxxa u tal-amministrazzjoni tat-taxxa, inkluża l-ġestjoni tar-riskji integrata. Jenħtieġ li l-investiment itejjeb il-konformità mat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa, filwaqt li jiżgura ambjent tas-suq kompetittiv. Fl-ewwel pass tal-investiment, mill-inqas 150 000 cash register ġew konnessi mas-sistema elettronika tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Amministrazzjoni Fiskali. L-enfasi qiegħda b'mod partikolari fuq il-frodi fil-qasam tal-kummerċ u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-diskrepanza tal-VAT tar-Rumanija li hija għolja ħafna.


Illustrazzjoni 60: Status tat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri – ir-Rumanija



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b' mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b' mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun iġvalutatu b' mod pożittiv f' deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 61: Żborż għal kull pilastru — ir-Rumanija





Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 62: Total tal-appoġġ mhux

Illustrazzjoni 63: Self totali żborżat mill-

ripagabbli żborżat mill-RRF — ir-Rumanija *RRF — ir-Rumanija*



Is-Slovenja

Is-Slovenja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-30 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fl-1 ta' Lulju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 1,8 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 0,7 biljun f'self mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għas-Slovenja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 1,5 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, is-Slovenja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF, biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. Fil-31 ta' Awwissu 2023, is-Slovenja talbet ukoll self addizzjonali u l-introduzzjoni mill-ġdid ta' self għal miżuri ta' għargħar, li kienet ipplanat li tirrinunzja fir-reviżjoni ppreżentata fl-14 ta' Lulju, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali relatati mal-enerġija rinnovabbli, il-mobbiltà sostenibbli, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tas-Slovenja, u l-effiċjenza enerġetika. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tas-Slovenja għadha għaddejja fiż-żmien tat-tħejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tas-Slovenja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni doppja, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u s-suq tax-xogħol. Dan jikkonsisti fi 33 riforma u 50 investiment li huma appoġġati b'EUR 1,49 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u EUR 705 miljun f'self, li jirrappreżentaw 3,7 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 231 miljun lis-Slovenja fi prefinanzjament fis-17 ta' Settembru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja inizjali tal-appoġġ mhux ripagabbli.

L-implimentazzjoni tal-RRP tas-Slovenja tinsab għaddejja, iżda b'riskju ta' dewmien li qed jiżdied. Is-Slovenja ppreżentat talba għall-pagament waħda, li tikkorrispondi għal 12-il stadju importanti u miri fil-pjan u li tirriżulta fi żborż ġenerali ta' EUR 49,6 miljun fl-20 ta' April 2023. It-12-il stadju importanti relatati jkopru r-riformi fl-oqsma tat-tranżizzjoni diġitali, l-ambjent tan-negozju, l-istituzzjonijiet pubbliċi effiċjenti, u l-kura fit-tul. Biex tavvanza aktar malajr bl-implimentazzjoni tal-RRP tagħha fl-ambjent ta' sfida attwali, huwa meħtieġ li jissaħħu l-istruttura ta' governanza u l-kapaċità amministrattiva tas-Slovenja, kif ukoll jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħtieġa jittieħdu mingħajr dewmien. Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-riformi strutturali tal-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, il-pensjonijiet u t-tassazzjoni.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mis-Slovenja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għas-Slovenja

➤ ***Riforma***

Is-Slovenja adottat l-ewwel Att dwar id-Deburokratizzazzjoni, li għandu l-għan li jnaqqas l-ostakli amministrattivi għas-settur tan-negozju u ċ-ċittadini. B`mod ġenerali, l-Att jemenda 10 liġijiet nazzjonali oħra u jħassar aktar minn 200 liġi u liġi sekondarja. Dan naqqas l-acquis tas-Slovenja b`10 %. Irriżulta wkoll f`kost aktar baxx tal-proċeduri amministrattivi, li se jikkontribwixxi lejn iż-żieda fil-kompetittività tan-negozji fis-Slovenja.


➤ ***Investiment***

Is-Slovenja nediet sejħa għal proposti għal espressjoni ta' interess fi proġett ġdid dwar il-“cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss”. Dan il-proġett se jikkontribwixxi għall-proġett transfruntier u ta' diversi pajjiżi dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tad-Data Komuni Ewropej.

L-għan ġenerali tal-investiment fl-RRF huwa li jiżgura aċċess kompetittiv, ġust u sostenibbli għall-kapaċità tal-cloud minn kwalunkwe parti tal-UE



Illustrazzjoni64: Żborż għal kull pilastru — is-Slovenja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni65: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — is-Slovenja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni66: Status tat-twerttiq tal-istadji importanti u l-miri — is-Slovenja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadju importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu b'mod pożittiv f'deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Is-Slovakkja

Is-Slovakkja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fid-29 ta' April 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fis-16 ta' Ġunju 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 6,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għas-Slovakkja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 6 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, is-Slovakkja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta tagħha f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF u biex tindirizza ċirkostanzi oġġettivi li jagħmluha impossibbli li jintlaħqu ċerti stadji importanti u miri fl-RRP f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut inkluda wkoll kapitolu REPowerEU għid b'riformi u investimenti addizzjonali li jkopru ħames oqsma tematiċi: l-enerġija rinnovabbli u l-grilji, l-effiċjenza enerġetika, it-trasport, il-ħiliet ekoloġiċi u l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2023 u mill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2023.

L-RRP attwali tas-Slovakkja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, is-saħħa u l-kura fit-tul, l-amministrazzjoni pubblika u t-tranżizzjoni diġitali. Jikkonsisti f'64 riforma u 60 investiment li huma appoġġati b'EUR 6,4 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 6,4 % tal-PDG tas-Slovakkja fl-2021. Il-Kummissjoni żborżat EUR 822,7 biljun lis-Slovakkja fi prefinanzjament fit-13 ta' Ottubru 2021, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja.

L-implimentazzjoni tal-RRP tas-Slovakkja sa issa tinsab fi stadju avanzat, iżda qed tiffaċċja xi sfidi fil-futur. Matul is-sena 2022, is-Slovakkja ppreżentat żewġ talbiet għall-pagament. Fid-29 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni żborżat EUR 398,7 miljun f'appoġġ mhux ripagabbli lis-Slovakkja, abbażi tal-kisba sodisfaċenti tal-pajjiż tal-ewwel 14-il stadju importanti tal-RRP. Fit-22 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni żborżat EUR 708,8 miljun oħra f'appoġġ mhux ripagabbli, wara li s-Slovakkja laħqet b'mod sodisfaċenti 14-il stadju importanti u żewġ miri. B'riżultat ta' dan, is-Slovakkja kienet fost l-Istati Membri bl-aktar progress rapidu fl-implimentazzjoni tal-RRP, iżda b'ostakli potenzjali minħabba tfixkil fil-kapaċità amministrattiva.

Il-graffs li ġejjin juru s-sitwazzjoni attwali tal-istadji importanti u l-miri li għandhom jintlaħqu mis-Slovakkja u li sussegwentement jiġu vvalutati li twettqu b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni, filwaqt li eżempji ta' miżuri bi stadji importanti u miri mwettqa huma inklużi fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' miżuri rilevanti bi stadji importanti u miri mwettqa għas-Slovakkja

➤ **Riforma**

Is-Slovakkja introduċiet leġiżlazzjoni ġdida biex tirriforma l-ġhoti tal-kura primarja għall-adulti, it-tfal u ż-żgħażaġh, billi ttejjeb il-mod kif jiġi definit in-network tat-tobba tal-familja u tal-pedjatri. Hija tqis parametri speċifiċi, bħall-ġhadd ta' persuni assigurati u l-ġhadd ta' tobba li joperaw f' distrett partikolari. Ir-riforma se tgħin biex tkopri aħjar id-disponibbiltà tas-servizzi mediċi fl-oqsma u d-distretti kollha tas-Slovakkja.

Il-prattikant ġenerali Dr Laurov li stabbilixxa uffiċċju mediku ġdid bl-assistenza tal-RRF fil-muniċipalità ta' Zlaté Moravce




Drittijiet tal-awtur: l-Awtorità Nazzjonali għall-Implimentazzjoni u l-Koordinazzjoni (NICA) tar-Repubblika Slovakkja.

➤ **Investiment**

Is-Slovakkja implimentat proġett pilota għat-taħriġ tal-ħiliet diġitali tal-anzjani u tal-persuni żvantaġġati biex ittejjeb il-ħiliet diġitali tagħhom. Il-proġett kien jikkonsisti fl-ġhoti ta' programm ta' taħriġ immirat għal 1 000 individwu, segwit mid-distribuzzjoni ta' tagħmir diġitali. L-għan tal-proġett pilota kien li jivvaluta l-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp fil-mira, jivvalida l-attivitajiet ta' taħriġ proposti u jivvaluta l-adegwatezza fiżjoloġika tat-tagħmir teknoloġiku.


Illustrazzjoni67: Żborż għal kull pilastru — is-Slovakkja



Nota: Kull żborż jirrifletti l-progress fl-implimentazzjoni tal-RRF, fis-sitt pilastru tal-politika. Din il-graff turi kif l-iżborżi mill-RRF (eskluż il-prefinanzjament) huma relatati mal-pilastru. L-ammonti ġew ikkalkulati billi l-istadji importanti u l-miri koperti minn żborż partikolari ġew marbuta mal-itikkettar tal-pilastru (primarju u sekondarju) tal-miżuri rispettivi tagħhom.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Illustrazzjoni68: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — is-Slovakkja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokkazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni69: Status tat-twertiq tal-istadji importanti u l-miri — is-Slovakkja



Nota: Din il-graff turi s-sehem ta' stadji importanti u miri mwettqa b'mod sodisfaċenti. Stadji importanti jew mira twettqet b'mod sodisfaċenti ladarba Stat Membru jkun ipprova evidenza lill-Kummissjoni li jkun laħaq l-istadju importanti jew il-mira u l-Kummissjoni tkun ivvalutatu

b' mod pożittiv f' deċiżjoni ta' implimentazzjoni.

Sors: *Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF*

https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html


Il-Finlandja

Il-Finlandja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) inizjali tagħha fis-27 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fl-4 ta' Ottubru 2021 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fid-29 ta' Ottubru 2021 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 2,1 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Finlandja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 1.82 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, il-Finlandja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fis-26 ta' Jannar 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF. L-allokazzjoni għall-Finlandja tnaqqset b'EUR 263 miljun. Konsegwentement, il-Finlandja naqqset il-finanzjament b'mod proporzjonali fl-erba' pilastri tal-pjan. It-tnaqqis kien jikkonċerna 20 miżura fil-pjan. L-RRP rivedut ġie approvat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Frar 2023 u mill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2023. Ma ġie ppreżentata l-ebda Kapitolu REPowerEU fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP attwali tal-Finlandja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-ħiliet, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-kompetittività u l-kura tas-saħħa. Jikkonsisti fi 18-il riforma u 37 investiment li huma appoġġati b'EUR 1,82 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,7 % tal-PDG. Il-Kummissjoni żborżat EUR 271 miljun lill-Finlandja fi prefinanzjament fil-21 ta' Jannar 2022, li huwa ekwivalenti għal 13 % tal-allokazzjoni finanzjarja inizjali.


L-RRP tal-Finlandja jappoġġa t-teknoloġija ekoloġika u t-teknoloġija għall-ekoloġija, pereżempju billi jiffinanzja lill-kumpaniji ewlenin biex jagħtu spinta lill-attivitajiet tagħhom ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni (RŻI) b'appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika.



L-implimentazzjoni tal-RRP tal-Finlandja tinsab għaddejja. L-Arranġamenti Operazzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Finlandja ġew iffirmati fid-19 ta' Ġunju 2023. Għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda talba għall-pagament skont l-RRP, li jindika l-ħtieġa għal sforzi biex ilaħħqu mal-iskeda miftiehna tat-talbiet għall-pagament, iżda qed titħejja l-ewwel talba għall-pagament.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Finlandiż.


Illustrazzjoni 70: Sehem tal-fondi tal-RRF allokatu għal kull pilastru tal-politika — il-Finlandja



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRP. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

Illustrazzjoni 71: Total tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat mill-RRF — il-Finlandja



Nota: Din il-graff turi l-ammont tal-appoġġ mhux ripagabbli żborżat sa issa mill-RRF, inkluż il-prefinanzjament. L-ammont totali ta' appoġġ mhux ripagabbli mogħti lil kull Stat Membru jiġi ddeterminat minn koeffiċjent tal-allokazzjoni u l-istima tal-kost totali tal-RRP rispettiv.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html

L-Iżvezja

L-Iżvezja ppreżentat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) attwali tagħha fit-28 ta' Mejju 2021. Il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2022 u l-approvazzjoni tal-Kunsill fl-4 ta' Mejju 2022 wittew it-triq għall-iżborż ta' EUR 3,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli mill-RRF matul il-perjodu 2021-2026. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tal-RRF, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Iżvezja ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 3,18 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli.

Fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi attwali, l-Iżvezja ppreżentat RRP emendat lill-Kummissjoni fl-24 ta' Awwissu 2023 biex tqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima riveduta f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament RRF. L-RRP rivedut jinkludi wkoll kapitolu REPowerEU ġdid b'riformi u investimenti addizzjonali u fuq skala akbar relatati mal-effiċjenza enerġetika tal-bini u s-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' awtorizzazzjoni għall-konstruzzjoni tal-grilji elettriċi. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-preżentazzjoni tal-Iżvezja għadha għaddejjha fiż-żmien tat-tnejjija ta' dan ir-rapport annwali.

L-RRP inizjali (u li għadu attwali) tal-Iżvezja għandu l-għan li jindirizza l-isfidi ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-settur tal-akkomodazzjoni, is-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Jikkonsisti fi 15-il riforma u 12-il investiment li huma appoġġati bi EUR 3,3 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli, li jirrappreżentaw 0,5 % tal-PDG.

L-RRP Żvediż jinkludi riforma tas-sistema ta' taħriġ




Drittijiet tal-awtur: il-Gvern Żvediż

Filwaqt li l-RRP tal-Iżvezja ġie adottat biss fl-2022, l-implimentazzjoni tiegħu issa tinsab għaddejjja. Sa issa, l-ebda fond ma ġie żborżat lill-Iżvezja mill-RRF. L-Iżvezja għadha ma ppreżentatx l-ewwel talba għall-pagament. Il-ftehim operazzjonali ġie ffirmat uffiċjalment f'Mejju 2023. L-implimentazzjoni tinsab fit-triq it-tajba minkejja kellha bidu kajman, u f'dan l-istadju, ir-riskji ta' nuqqas ta' assorbiment jidhru limitati minħabba l-allokazzjoni finanzjarja relattivament żgħira. L-Iżvezja mistennija tippreżenta l-ewwel talba għall-

pagament tagħha li tgħaqqad żewġ pagamenti parzjali lejn tmiem l-2023. Din it-talba kkombinata tkopri 22 stadju importanti u miri li jsegwu l-progress fil-komponenti kollha tal-RRP, li potenzjalment iwasslu għal żborż ta' massimu ta' EUR 1,1 biljun.

Il-graffs li ġejjin juru s-sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika fl-RRP Żvediż.

Illustrazzjoni 72: Sehem tal-fondi tal-RRF allokat għal kull pilastru tal-politika — l-Iżvezja



Nota: Kull miżura tikkontribwixxi għal żewġ oqsma ta' politika tas-sitt pilastru. Għaldaqstant, l-allokkazzjoni totali għall-pilastru kollha li jidhru hawnhekk tammonta għal 200 % tal-kost stmat tal-RRP. Il-parti ta' isfel tirrappreżenta l-ammont tal-pilastru primarju, il-parti ta' fuq l-ammont tal-pilastru sekondarju.

Sors: Tabella ta' Valutazzjoni tal-RRF https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/country_overview.html